BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru.** **11/2012**

**Data tal-pubblikazzjoni:** **7 ta' Marzu 2013**

**Novembru 2012**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar il-ħruġ tal-istatistika monetarja għax-xahar ta' Novembru 2012.

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro kibret b'EUR21.3 miljun, jew b'0.2%, f'Novembru, għal EUR10.3 biljun (ara Tabella 1). Ir-rata tat-tkabbir annwali aċċellerat għal 7.4% f'Novembru, minn 4.9% ix-xahar ta' qabel, parzjalment minħabba effett bażi li rriżulta minn tnaqqis malajr fl-aggregat monetarju sħiħ f'Novembru 2011.

Iż-żieda xahar fuq xahar fl-M3 seħħet kompletament minħabba żieda fil-komponent monetarju intermedju (M2), li żdied bi EUR22 miljun, jew b'0.2%. Din iż-żieda pattiet għal tnaqqis marġinali f'titoli negozjabbli. Kollox ma' kollox, l-aggregat monetarju intermedju kiber b'7.5% fuq bażi ta' sena fuq sena, minn 5.3% ix-xahar ta' qabel.

It-tkabbir fl-M2 seħħ minħabba żieda fil-komponent monetarju ristrett (M1), li kiber b'EUR34.3 miljun, jew b'0.6%. Dan irrifletta l-kontinwazzjoni ta' flussi ta' kull xahar f'depożiti *overnight*, osservati matul il-parti l-kbira tal-2012. Id-depożiti *overnight* kibru b'EUR36.7 miljun, jew b'0.7%, minħabba bilanċi ogħla miżmuma minn individwi.

Matul ix-xahar, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas naqsu b'EUR19.4 miljun, jew b'0.5%. Bilanċi miżmuma minn kumpaniji residenti tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet naqsu, u b'hekk pattew għal żieda fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji residenti privati mhux finanzjarji. B'kuntrarju għal dan, id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew inqas – il-kumplament tal-komponent M2 – kibru b'EUR7.1 miljun, jew b'4.9%. Dan irriżulta minn bilanċi ogħla miżmuma minn kumpaniji residenti privati mhux finanzjarji.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti f'pajjiżi taż-żona tal-euro kiber bi EUR78.4 miljun, jew b'0.5%, hekk kif żdied il-kreditu mogħti lill-gvern ġenerali u lill-bqija tas-setturi tal-ekonomija. Iż-żieda ta' EUR60.6 miljun, jew ta' 1.7%, fil-kreditu lill-gvern ġenerali seħħet minħabba aktar ammonti miżmuma mill-banek ta' titoli maħruġa mill-gvern Malti u minn gvernijiet fiż-żona tal-euro. Sadattant, il-kreditu lil setturi oħra żdied bi EUR17.8 miljun, jew b'0.1%, li rrifletta żieda fis-self mogħti lil individwi u lil kumpaniji privati mhux finanzjarji residenti f'Malta. B'konsegwenza ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali fis-self totali kienet ta' -1.9% f'Novembru, minn -2.1% f'Ottubru.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM Maltin u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, kibret b'EUR247.8 miljun, jew bi 2.6%. Dan it-tkabbir irrifletta żieda konsiderevoli fl-obbligazzjonijiet ta' barranin li għelbet żieda kemxejn iżgħar fl-obbligazzjonijiet. Iż-żieda fl-obligazzjonijiet irriżultat minn ammont akbar ta' titoli maħruġin minn gvernijiet barra ż-żona tal-euro, flimkien ma' aktar depożiti miżmuma ma' banek barra ż-żona tal-euro. Sadattant, iż-żieda fl-obbligazzjonijiet seħħet minħabba bilanċi ogħla ta' depożiti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpaniji privati mhux finanzjarji u intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek barra ż-żona tal-euro.

Il-kategorija 'il-kontropartijiet l-oħra', li taħdem bil-maqlub tal-M3, kibret bi EUR304.9 miljun, jew bi 2.1% f'Novembru. Dan seħħ minħabba tkabbir fl-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal. Dan prinċipalment irrifletta żieda fl-ishma tal-IFM u f'ishma oħra matul ix-xahar. Żidiet fl-obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali, prinċipalment id-depożiti b'aċċess immedjat mal-Bank Ċentrali ta' Malta, ukoll ikkontribwew b'mod sostanzjali.

**Transazzjonijiet ma' residenti Maltin: depożiti u self**

F'Novembru, id-depożiti ta' residenti Maltin miżmuma ma' IFM Maltin kibru b'EUR7.8 miljun, jew b'0.1% (ara Tabella 2). B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali laħqet 6.9%, minn 5.2% ix-xahar ta' qabel.

Kien hemm influssi sinifikanti f'aktar assi likwidi matul ix-xahar. B'mod partikolari, il-bilanċi *overnight* kibru bi EUR28.8 miljun, jew b'0.6%, li seħħ minħabba depożiti miżmuma minn individwi u minn kumpaniji tal-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjonijiet. Bl-istess mod, depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew inqas żdiedu b' EUR7.3 miljun, jew b'5.1%, f'Novembru. B'kuntrarju għal dan, depożiti b'maturità miftiehma ta' sentejn jew inqas naqsu bi EUR28.3 miljun, jew b'0.8%, li rriflettew tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn diversi setturi ekonomiċi.

Il-kreditu mogħti minn IFM Maltin lil residenti Maltin żdied b'EUR51.7 miljun, jew b'0.5%, f'Novembru, hekk kif kiber il-kreditu mogħti kemm lill-gvern ġenerali u kemm lis-setturi l-oħra tal-ekonomija. Madankollu, minħabba li din iż-żieda kienet ħafna iżgħar minn dik irreġistrata f'Novembru 2011, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu battiet għal 2.1% minn 2.7% f'Ottubru.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali żdied b'EUR26.5 miljun, jew b'1.1%, riżultat ta' bilanċi ogħla ta' stokks tal-Gvern ta' Malta (MGS) tal-IFM. Dan parzjalment jirrifletti fl-akkwist ta' EUR10.8 miljun mill-IFM f'valur ta' stokks tal-Gvern Malti fis-suq primarju matul ix-xahar. Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lill-gvern ġenerali battiet iktar għal 0.8% minn 1.5 % xahar qabel.

Il-kreditu lil residenti oħra żdied b'EUR25.2 miljun, jew b'0.3%, bil-kontra tat-tnaqqis li seħħ fix-xahar ta' qabel. Iż-żieda seħħet minħabba aktar self lil individwi, primarjament għal iffinanzjar ta' xiri tad-djar, u lil kumpaniji privati mhux finanzjarji li joperaw f'numru ta' setturi, inklużi s-setturi tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, u tal-manifattura. Dan ħeba tnaqqis fis-self mogħti, fost oħrajn, lis-settur tal-kostruzzjoni. Ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali battiet għal 2.5% minn 3.0% f'Ottubru.

**Assi barranin netti tal-IFM Maltin**

F'Novembru, l-assi barranin netti tal-IFM Maltin żdiedu b'EUR191.8 miljun, jew b'1.6%, hekk kif żieda sinifikanti fl-obbligazzjonijiet barranin għelbet żieda fl-

obbligazzjonijiet korrispondenti (ara Tabella 2).[1] Iż-żieda fl-obbligazzjonijiet barranin seħħet minħabba żidiet fit-titoli barranin ta' IFM residenti u fid-depożiti tas-settur privat ta' IFM barranin. Sadattant, iż-żieda fl-obbligazzjonijiet barranin seħħet b'mod predominanti minn tkabbir fid-depożiti ta' barranin u ta' istituzzjonijiet ta' kreditu residenti. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-assi barranin netti laħqet 11.3% minn 9.0% xahar qabel.

## Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[2]

F'Novembru, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM Maltin fuq id-depożiti kollha ta' individwi u ta' kumpaniji mhux finanzjarji Maltin baqgħet l-istess, jiġifieri 1.42%. Sadattant, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax mitluba mill-IFM fuq is-self lill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta telgħet b'żewġ punti bażi għal 4.33%.

Ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti kienet punt bażi iktar minn dik ta' Novembru 2011, filwaqt li dik mitluba fuq is-self kienet sitt punti bażi inqas minn dik ta' sena qabel.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

[2] L-informazzjoni dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri d-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. L-individwi jinkludu wkoll istituzzjonijiet li jipprovdu servizz lill-individwi bla qligħ. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra. Għalhekk, din l-istatistika ma tkoprix is-setturi kollha tal-ekonomija.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM(1)(2)

*€ miljuni*

| | Nov-12 | Ott-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Nov-11 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Nov-12 | Ott-12 |
| **L-AGGREGATI MONETARJI(3)** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **5,907.0** | **5,872.6** | **34.3** | **0.6** | **5,336.6** | **10.7** | **7.6** |
| Flus maħruġa(4) | 713.5 | 715.8 | -2.3 | -0.3 | 702.6 | 1.6 | 2.0 |
| Depożiti *overnight* (5) | 5,193.5 | 5,156.8 | 36.7 | 0.7 | 4,634.0 | 12.1 | 8.5 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **10,137.7** | **10,115.7** | **22.0** | **0.2** | **9,426.9** | **7.5** | **5.3** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 5,907.0 | 5,872.6 | 34.3 | 0.6 | 5,336.6 | 10.7 | 7.6 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas(5) | 151.0 | 144.0 | 7.1 | 4.9 | 129.5 | 16.7 | 14.4 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas(5) | 4,079.7 | 4,099.1 | -19.4 | -0.5 | 3,960.8 | 3.0 | 1.9 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **10,327.4** | **10,306.1** | **21.3** | **0.2** | **9,615.2** | **7.4** | **4.9** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 10,137.7 | 10,115.7 | 22.0 | 0.2 | 9,426.9 | 7.5 | 5.3 |
| Titoli negozjabbli(6) | 189.8 | 190.5 | -0.7 | -0.4 | 188.3 | 0.8 | -12.7 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **15,765.8** | **15,687.4** | **78.4** | **0.5** | **16,076.3** | **-1.9** | **-2.1** |
| Self lill-gvern ġenerali | 3,678.3 | 3,617.7 | 60.6 | 1.7 | 4,637.0 | -20.7 | -23.9 |
| Self lil setturi oħra | 12,087.5 | 12,069.7 | 17.8 | 0.1 | 11,439.3 | 5.7 | 7.1 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **9,695.5** | **9,447.7** | **247.8** | **2.6** | **7,780.0** | **24.6** | **13.3** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 33,279.5 | 31,865.9 | 1,413.7 | 4.4 | 29,291.8 | 13.6 | 10.1 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 23,584.1 | 22,418.2 | 1,165.9 | 5.2 | 21,511.8 | 9.6 | 8.8 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **15,133.8** | **14,828.9** | **304.9** | **2.1** | **14,241.1** | **6.3** | **1.9** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 668.9 | 560.2 | 108.7 | 19.4 | 820.0 | -18.4 | -10.6 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 12,732.1 | 12,573.6 | 158.5 | 1.3 | 11,740.7 | 8.4 | 6.7 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 1,732.8 | 1,695.1 | 37.7 | 2.2 | 1,680.5 | 3.1 | -20.5 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*€ miljuni*

| | Nov-12 | Ott-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Nov-11 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Nov-12 | Ott-12 |
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **8,864.5** | **8,856.6** | **7.8** | **0.1** | **8,294.3** | **6.9** | **5.2** |
| Depożiti *overnight* | 5,013.7 | 4,984.9 | 28.8 | 0.6 | 4,491.3 | 11.6 | 7.9 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 149.5 | 142.2 | 7.3 | 5.1 | 127.6 | 17.2 | 14.8 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,701.3 | 3,729.5 | -28.3 | -0.8 | 3,675.4 | 0.7 | 1.5 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,107.3** | **11,055.6** | **51.7** | **0.5** | **10,876.5** | **2.1** | **2.7** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,398.5 | 2,372.0 | 26.5 | 1.1 | 2,378.4 | 0.8 | 1.5 |
| Self lil setturi oħra | 8,708.8 | 8,683.6 | 25.2 | 0.3 | 8,498.1 | 2.5 | 3.0 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **12,383.7** | **12,191.9** | **191.8** | **1.6** | **11,124.3** | **11.3** | **9.0** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 44,177.1 | 42,818.6 | 1,358.5 | 3.2 | 41,647.6 | 6.1 | 3.2 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 31,793.4 | 30,626.7 | 1,166.7 | 3.8 | 30,523.3 | 4.2 | 1.1 |

[1] It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
[2] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.